Ħaż-Żabbar	Irtirar ta' LRA3274/2014 – Fond Liliport 19, Triq il-Kunvent	Gvern ta' Malta		LRA4853/2023
Ħaż-Żabbar	*Withdrawal of LRA3274/2014 – Premises Liliport 19, Triq il-Kunvent*	*Government of Malta*		
Ħaż-Żebbuġ	1/4 indiviż għalqa magħrufa 'Tal-Blajjiet', Triq Gianpula tal-kejl 2610m.k.	Callus Anne		LRA4697/2023
Ħaż-Żebbuġ	*1/4 undivided share of field known 'Tal-Blajjiet', Triq Gianpula covering an area of 2610s.m.*	*Callus Anne*		
Ħaż-Żebbuġ	Korrezzjoni ta' LRA4697/23 tal-kuntratt	Callus Anne		LRA4698/2023
Ħaż-Żebbuġ	*Correction of LRA4697/23 of contract*	*Callus Anne*		
Ħaż-Żebbuġ	1/3 indiviż porzjon art magħrufa 'Tar-Remel', Triq Ħal Qdieri	Galea Gauden et		LRA4832/2023
Ħaż-Żebbuġ	*1/3 undivided share of land known 'Tar-Remel', Triq Ħal Qdieri*	*Galea Gauden et*		
Ħaż-Żebbuġ	Korrezzjoni ta' proprjetà 07003797 tal-pjanti rilevanti	Cassar Antoine		LA4889/2023
Ħaż-Żebbuġ	*Correction of property 07003797 of relevant plans*	*Cassar Antoine*		
Ħaż-Żebbuġ	Korrezzjoni ta' proprjetà 07004380 tal-pjanti rilevanti	Cassar Mary Rose		LRA4890/2023
Ħaż-Żebbuġ	*Correction of property 07004380 of relevant plans*	*Cassar Mary Rose*		
L-Iklin	Dirett Dominju Temporanju Plott Nru. 12, Tal-Iklin B, Triq Ġużeppi Calleja kantuniera Triq Alfons Maria Galea	Gvern ta' Malta		LRA4855/2023
Iklin	*Temporary Direct Dominium Plot No. 12, Tal-Iklin B, Triq Ġużeppi Calleja corner with Triq Alfons Maria Galea*	*Government of Malta*		
Marsaskala	Dirett Dominju Perpetwu Fond mibni fuq art magħrufa 'Marsa id-Dgħajjes'	Gvern ta' Malta		LRA4680/2023

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Marsaskala	*Perpetual Direct Dominium Premises built on land known as 'Marsa id-Dgħaajjes'*	*Government of Malta*		
Marsaskala	1/2 indiviż Mezzanin Nru. 237 u garaxx Nru. 239, Triq il-Qaliet	Grech Carmen		LRA4687/2023
Marsaskala	*1/2 undivided share of Masionette No. 237 and garage No. 239, Triq il-Qaliet*	*Grech Carmen*		
Marsaskala	Sitt Garaxxijiet Nru. 2, 4, 6, 8 10 u 12, Triq ix-Xehda	Grech Carmen		LRA4688/2023
Marsaskala	*Six garages No. 2, 4, 6, 8, 10 and 12, Triq ix-Xehda*	*Grech Carmen*		
Marsaskala	Garaxx Nru. 11 u entratura Nru. 117, Triq il-Granmastri	Thomas Rosette et		LRA4709/2023
Marsaskala	*Garage No. 11 and entrance No. 117, Triq il-Granmastri*	*Thomas Rosette et*		
Marsaskala	1/2 indiviż Appartament Nru. 6, 'East End', Triq iż-Żonqor	Hunter Baines Thomasena		LRA4758/20223
Marsaskala	*1/2 undivided share of Apartment No. 6, 'East End', Triq iż-Żonqor*	*Hunter Baines Thomasena*		
Marsaskala	Korrezzjoni ta' proprjetà 35002423 tal-kuntratt	Scicluna Christian		LRA4791/2023
Marsaskala	*Korrection of property 35002423 of contract*	*Scicluna Christian*		
Marsaskala	Garaxx Nru. 6, 'The Creek', Triq il-Munxar	Sant Nicolette		LRA4805/2023
Marsaskala	*Garage No. 6, 'The Creek', Triq il-Munxar*	*Sant Nicolette*		
Marsaskala	Korrezzjoni ta' LRA2853/2021 tal-pjanti rilevanti	Gvern ta' Malta		LRA4839/2023
Marsaskala	*Correction of LRA2853/2021 of relevant plans*	*Government of Malta*		
Marsaskala	Appartament Nru. 1, Triq il-Qrempuc	Scerri Joseph		LRA4862/2023
Marsaskala	*Apartment No. 1, Triq il-Qrempuċ*	*Scerri Joseph*		
Marsaskala	1/2 indiviż Dar Nru. 7 ġja Nru. 28, Triq San Ġużepp	Compagno Katya-Dora		LRA4869/2023
Marsaskala	*1/2 undivided share of House No. 7 gia No. 28, Triq San Ġużepp*	*Compagno Katya-Dora*		
Marsaskala	1/2 indiviż garaxx Nru. 18, Triq id-Dugħ ġja triq ġdida bla isem li tiżbokka fi Triq Sant'Antnin	Compagno Katya-Dora		LRA4870/2023
Marsaskala	*1/2 undivided garage No. 18, Triq id-Dugħ gia new street without name in Triq Sant'Antnin*	*Compagno Katya-Dora*		
Marsaskala	Penthouse Nru. 5, Blokk Nru. 145, 'Miguel Apts', Triq in-Nadur	Zyke Jean-Claude		LRA4880/2023

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Marsaskala	*Penthouse No. 5, Block No. 145, 'Miguel Apts', Triq in-Nadur*	*Zyke Jean-Claude*		
Il-Mellieħa	Korrezzjoni ta' proprjetà 37004801 – LRA 5409/2022 tal-pjanti rilevanti	Duca Kyle		LRA4810/2023
Mellieħa	*Correction of property 37004801 – LRA5409/2022 of relevant plans*	*Duca Kyle*		
Il-Mosta	Korrezzjoni ta' LRA1935/2023 ta' l-applikazzjoni	Gvern ta' Malta		LRA4676/2023
Mosta	*Correction of LRA1935/2023 of application*	*Government of Malta*		
Il-Mosta	Dar Nru. 15 u garaxx Nru. 14 ġja Nru. 22, Triq Britannia, u in parti transferiment proprjetà 39003944	Bartolo Rueben		LRA4770/2023
Mosta	*House No. 15 and Garage 14 gia No. 22, Triq Britannia, and in part transfer of property 3900394*	*Bartolo Rueben*		
Il-Mosta	Dirett Dominju Temporanju Fond Nru. 126, Vjal l-Indipendenza	Gvern ta' Malta		LRA4850/2023
Mosta	Temporary Direct Dominium Premises No. 126, Vjal l-Indipendenza	Government of Malta		
L-Imsida	*Utile Dominju Perpetwu Appartament Nru. 10 blokk 'Palazzo Giovanni Bountempo' u car space fi Triq John Borg u in parti trasferiment parzjali ta' proprjetà 41002230*	*Galea Michael et*		*LRA4808/2023*
Msida	Perpetual Utile Dominium Apartment No. 10 Block 'Palazzo Giovanni Bountempo' and car space in Triq John Borg and in part part transfer of property 41002230	Galea Michel et		
In-Naxxar	*Dirett Dominju Perpetwu Fond Nru. 99A, 'Elena', Triq l-Oratorju*	*Gvern ta' Malta*		*LRA4843/2023*
Naxxar	Perpetual Direct Dominium Premises No. 99A, 'Elena', Triq l-Oratorju	Government of Malta		
Tal-Pietà	*Penthouse Blokk A Nru. 135 'Upland Complex' ġja 'Our Lady of Sorrows Complex', Triq id-Duluri, u in parti trasferiment ta' proprjetà 47000419*	*Civill Robert John*		*LRA4892/2023*
Tal-Pietà	Penthouse Block A No. 135, 'Upland Complex' gia 'Our Lady of Sorrows Complex', Triq id-Duluri, and in part transfer of property 47000419	Civill Robert John		
Ir-Rabat, Malta	*Korrezzjoni ta' LRA3912/2022 tal-kuntratt*	*Gvern ta' Malta*		*LRA4703/2023*
Rabat, Malta	Correction of LRA3912/2022 of contract	Gvern ta' Malta		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ir-Rabat, Malta	Dirett Dominju Perpetwu Appartament Nru. 6, 'Victoria Court', Triq Ħad-Dingli	Gvern ta' Malta		LRA4842/2023
Rabat, Malta	*Perpetual Direct Dominium Apartment No. 6, 'Victoria Court', Triq Ħad-Dingli*	*Government of Malta*		
Ir-Rabat, Malta	Irtirar ta' LRA570/2008 – Fond 'Fatima', Triq in-Nutar F. Catania	Gvern ta' Malta		LRA4845/2023
Rabat, Malta	*Withdrawal of LRA570/2008 – Premises 'Fatima' Triq in-Nutar F. Catania*	*Government of Malta*		
Ir-Rabat, Malta	Dirett Dominju Temporanju Fond Nru. 34 ġja Nru. 16, Triq Sant'Antnin	Gvern ta' Malta		LRA4847/2023
Rabat, Malta	*Temporary Direct Dominium Premises No. 34 gia No. 16, Triq Sant'Antnin*	*Government of Malta*		
Ir-Rabat, Malta	Dirett Dominju Temporanju Fond Nru. 50, Triq San Ġwann Battista	Gvern ta' Malta		LRA4849/2023
Rabat, Malta	*Temporary Direct Dominium Premises No. 50, Triq San Ġwann Battista*	*Government of Malta*		
Ir-Rabat, Malta	Irtirar ta' LRA5167/2022 Fond Marste Nru. 6 ġia 48, Triq San Mikiel	Gvern ta' Malta		LRA4854/2023
Rabat, Malta	*Withdrawal of LRA5167/2022 Premises Marste No. 6 ġia 48, Triq San Mikiel*	*Government of Malta*		
San Ġiljan	Dirett Dominju Perpetwu porzjon art 'Art Ta' Belvedere' tal-kejl ta' 460m.k.	Gvern ta' Malta		LRA4673/2023
St Julian's	*Perpetual Direct Dominium portion of land 'Art ta' Belvedere' covering an area of 460s.m.*	*Government of Malta*		
San Ġiljan	Dirett Dominju Perpetwu Plott 21, 'Tad-Dukkara', tal-kejl ta' 110m.k.	Gvern ta' Malta		LRA4674/2023
St Julian's	*Perpetual Direct Dominium Plot 21, 'Tad-Dukkara', covering an area of 110s.m.*	*Government of Malta*		
San Ġiljan	Irtirar ta' LRA3226/2023, Triq Ross	Gvern ta' Malta		LRA4675/2023
St Julian's	*Withdrawal of LRA3226/2023, Triq Ross*	*Government of Malta*		
San Ġiljan	Dirett Dominju Perpetwu porzjon art magħrufa 'Għelieqi tar-Riħeb', The Gardens, tal-kejl ta' 8500m.k.	Gvern ta' Malta		LRA4677/2023
St Julian's	*Perpetual Direct Dominium portion of land known 'Għelieqi tar-Riħeb', The Gardens, covering an area of 8500s.m.*	*Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Ġwann	Dirett Dominju Perpetwu Blokk B, 'Anchor Court', Triq San Ġużepp	Agius Alfred et		LRA4866/2023
San Ġwann	*Perpetual Direct Dominium Block B, 'Anchor Court', Triq San Ġużepp*	*Agius Alfred et*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu porzjon art fit-Telgħa tax-Xemxija tal-kejl 526.6m.k.	Residual Limited		LRA4730/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium portion of land fit-Telgħa tax-Xemxija covering an area of 526.6s.m.*	*Residual Limited*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu Plott 12 u 13, Triq is-Simar	Gvern ta' Malta		LRA4840/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium Plot 12 and 13, Triq is-Simar*	*Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu Plots 49 u 50, Wiċċ l-Abjad u Wiċċ l-Aħmar, Erba' Mwieżeb	Gvern ta' Malta		LRA4844/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium Plots 49 and 50, Wiċċ l-Abjad u Wiċċ l-Aħmar, Erba' Mwieżeb*	*Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Temporanju Fond 28, 'Beverly', Triq iċ-Ċagħaq	Gvern ta' Malta		LRA4856/2023
St Paul's Bay	*Temporary Direct Dominium Premises 28, 'Beverly', Triq iċ-Ċagħaq*	*Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu Appartament Nru. 10, 'Dolomiti Court', Triq Sant'Aristarku	Gvern ta' Malta		LRA4857/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium Apartment No. 10, 'Dolomiti Court', Triq Sant'Aristarku*	*Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu Appartament Nru. 9, 'Dolomiti Court', Triq Sant'Aristarku	Gvern ta' Malta		LRA4858/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium Apartment No. 9, 'Dolomiti Court', Triq Sant'Aristarku*	*Government of Malta*		
Is-Siġġiewi	Dirett Dominju Perpetwu Appartamenti Nru. 1, 2, u 3, Blokk Nru. 129, Triq ir-Rebbiegħa	Gvern ta' Malta		LRA4848/2023
Siġġiewi	*Perpetual Direct Dominium Apartment No. 1, 2 and 3, Block No. 129, Triq ir-Rebbiegħa*	*Government of Malta*		
Is-Swieqi	Korrezzjoni ta' proprjetà 60000502 tal-pjanti rilevanti	Coleiro Massimo et		LRA4836/2023
Swieqi	*Correction of property 60000502 of relevant plans*	*Coleiro Massimo et*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Is-Swieqi	Korrezzjoni ta' proprjetà 60000341 tal-pjanti rilevanti	Muscat Roderick er		LRA4837/2023
Swieqi	*Correction of property 60000341 of relevant plans*	*Muscat Roserick et*		
Is-Swieqi	Korrezzjoni ta' proprjetà 60000582 tal-pjanti rilevanti	Capital Realty Limited		LRA4838/2023
Swieqi	*Correction of property 60000582 of relevant plans*	*Capital Realty Limited*		
Il-Belt Valletta	Appartament Nru. 2, Ġnien is-Sultan ġja Ta' Liesse	Chetcuti Joseph		LRA4794/2023
Valletta	*Apartment No. 2, Ġnien is-Sultan gia Ta' Liesse*	*Chetcuti Joseph*		
Iż-Żejtun	Korrezzjoni ta' LRA402/1999 tal-pjanti rilevanti	Gvern ta' Malta		LRA4846/2023
Żejtun	*Correction of LRA402/1999 of relevant plans*	*Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

It-13 ta' Ottubru, 2023

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

13th October, 2023

Nru. 1422

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1422

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
13.10.2023	€56.784	€0.669

It-13 ta' Ottubru, 2023

13th October, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 208

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ottubru, 2023, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m., minn Triq l-Imsida, Triq il-Kbira u Triq l-Isqof Labini.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Novembru, 2023, mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m., minn Triq San Pawl bejn Triq l-Arċisqof sa Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof bejn Triq San Pawl u Triq il-Merkanti u Triq San Kristofru bejn Triq San Pawl u Triq il-Merkanti.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Ottubru, 2023

POLICE NOTICE

No. 208

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Sunday, 15th October, 2023, from 8.00 a.m. till 12.30 p.m., through Triq l-Imsida, Triq il-Kbira and Triq l-Isqof Labini.

Valletta

On Friday, 17th November, 2023, from 8.00 a.m. till 8.00 p.m., through Triq San Pawl between Triq l-Arċisqof till Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof between Triq San Pawl and Triq il-Merkanti, and Triq San Kristofru between Triq San Pawl and Triq il-Merkanti.

Road closure as required.

Public Transport (Valletta Circular Bus) may be effected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

13th October, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 209

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Paola

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u ħinijiet hawn taħt:

POLICE NOTICE

No. 209

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

All traffic movement (transit and parking) is prohibited on the date and time hereunder:

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru, 2023, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Ġużè Damato, fil-bieċa bejn il-pjazza u Triq it-Tarzna, fuq in-naħa tal-Bank of Valletta, Triq Santa Monika, Triq Lampuka, Triq il-Knisja u lura għall-bażilika mill-pjazza.

Transport pubbliku se jkun affetwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Ottubru, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 191 tal-2023

Rolex Middle Sea Race – 2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf li r-Royal Malta Yacht Club se jorganizza r-Rolex Middle Sea Race nhar is-Sibt, 21 ta' Ottubru, 2023. Barra minn hekk se ssir ukoll tellieqa kostali nhar l-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2023.

Il-programm tat-tellieqa huwa kif ġej:

a) L-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2023

It-tellieqa kostali tibda fl-10.00 a.m.

Il-linja tat-tluq u tat-tmiem se tkun fid-daħla tal-Port ta' Marsamxett bejn Tigné Point u baga mqiegħda fil-viċinanzi tal-Forti Sant'Iermu. Il-korsa proprja tiġi deċiża dakinhar skont il-kundizzjonijiet tat-temp.

Il-baħħara huma mitluba jżommu 'l bogħod miż-żona tat-tluq barra l-Port ta' Marsamxett, waqt il-bidu tat-tellieqa tal-kosta bejn l-9.45 a.m. u l-10.45 a.m. u joqogħdu attenti matul il-kumplament tal-ħin nhar l-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2023.

b) Is-Sibt, 21 ta' Ottubru, 2023

Ir-Rolex Middle Sea Race tibda f'bejn wieħed u ieħor il-11.00 a.m.

It-tluq huwa mill-Port il-Kbir, minn linja immaġinarja bejn il-baga li tintnefaħ qrib Saint Angelo Point u l-arblu tal-Valletta Saluting Battery.

Il-jottijiet tat-tellieqa għandhom imbagħad jipproċedu fid-direzzjoni tal-Grigal tul il-fairway fil-Port il-Kbir lejn il-baga li tintnefaħ, li jkollha l-logo tal-isponsor, imqiegħda barra l-Breakwater ta' Saint'Iermu. Il-baga murija bħala 1 fuq charts 1 u 2 kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), se tkun fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

On Friday, 27th October, 2023, from 5.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq Ġużè Damato, part between the square and Triq it-Tarzna, on the Bank of Valletta side, Triq Santa Monika, Triq Lampuka, Triq il-Knisja and back to basilica from the square.

Public transport will be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

13th October, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 191 of 2023

Rolex Middle Sea Race – 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Royal Malta Yacht Club will be holding the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 21st October, 2023. In addition, a coastal race will also be held on Wednesday 18th October, 2023.

The race programme is as follows:

a) Wednesday, 18th October, 2023

The coastal race starts at 10.00 a.m.

The start and finish line will be at the entrance of Marsamxett Harbour between Tigné Point and a buoy laid in the vicinity of Fort St Elmo. The actual racecourse will be decided on the day depending on the weather conditions.

Mariners are requested to keep away from the starting area outside Marsamxett Harbour, during the start of the coastal race between 9.45 a.m. and 10.45 a.m. and to keep a sharp lookout during the remaining hours on Wednesday, 18th October, 2023.

b) Saturday, 21st October, 2023

The Rolex Middle Sea Race starts at approximately 11.00 a.m.

The start is at the Grand Harbour, from an imaginary line between an inflatable buoy near Saint Angelo Point and the Valletta Saluting Battery mast.

The racing yachts shall then proceed in a North Easterly direction along the fairway in the Grand Harbour to an inflatable buoy, bearing the sponsor's logo, positioned outside the Saint Elmo Breakwater. The buoy shown as 1 on the charts 1 and 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) will be in the following approximate position:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 54'.160	014° 31'.540

Qed tiġi stabbilita żona ristretta ħdejn Baga 1, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-jottijiet tat-tellieqa għandhom imbagħad jipproċedu fid-direzzjoni tal-Majjistral lejn il-baħar ta' San Ġorġ fejn titpoġġa t-tieni baga li tintnefaħ, li jkollha l-logo tal-isponsor. Il-baga murija bħala 2 fuq chart 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) se tkun fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 55'.650	014° 30'.070

Qed tiġi stabbilita żona ristretta ta' 200m madwar Baga 2.

Il-jottijiet tat-tellieqa wara se jsegwu l-korsa kif muri fuq chart 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-jottijiet tat-tellieqa għandhom imbagħad jipproċedu fid-direzzjoni tat-Tramuntana-Grigal lejn Sqallija.

Il-baħħara u l-ispettaturi għandhom jinnavigaw b'kawtela u joqogħdu attenti meta jkunu fil-viċinanzi tal-korsiji msemmija hawn fuq u, meta jintlemħu, jagħtu lill-parteċipanti spazju wiesa'.

Il-baħħara għandhom ukoll iżommu 'l bogħod miż-żona stabbilita baga tonda 1, murija bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), u mill-inqas 200m 'l bogħod mill-il-baga li tintnefaħ 2 imsemmija hawn fuq.

Il-bastimenti kollha li ma jipparteċipawx fit-tellieqa għandhom iżommu distanza sigura ta' mill-inqas 50m mill-bastimenti parteċipanti kollha f'kull ħin.

Ir-ranges ta' Pembroke se jkunu inattivi waqt it-tellieqa kostali nhar l-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2023, u waqt il-bidu tar-Rolex Middle Sea Race nhar is-Sibt, 21 ta' Ottubru, 2023.

Il-baħħara huma avżati li nhar is-Sibt, 21 ta' Ottubru, 2023, bejn 9.00 a.m. u 3.00 p.m., jew dak il-ħin li jista' jiġi kkomunikat fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS, il-Port il-Kbir għandu jingħalaq għat-traffiku kollu mhux direttament relatat mat-tellieqa.

Matul dawn il-ħinijiet, il-bastimenti l-oħra kollha għandhom ikunu meħtieġa jibqgħu f'żoni magħżula fil-port ta' ġewwa sa Ras Ħanżir, f'Dockyard Creek, Kalkara Creek u

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54'.160	014° 31'.540

A restricted zone is being established near Buoy 1, as shown in red on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)

The racing yachts shall then proceed in a North Westerly direction towards St George's shoals where a second inflatable buoy, bearing the sponsor's logo will be positioned. The buoy shown as 2 on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) will be in the following approximate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 55'.650	014° 30'.070

A 200m restricted zone is being established around Buoy 2.

The racing yachts will thereafter follow the course as shown on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The racing yachts shall then proceed in a north-north easterly direction towards Sicily.

Mariners and spectators are to navigate with caution and to keep a sharp lookout when in the vicinity of the above-mentioned courses and when sighted, give the participants a wide berth.

Mariners are also to keep out of the established zone round buoy 1, shown in red on the attached charts, and at least 200m away from the inflatable buoy 2 mentioned above.

All vessels not participating in the races are to maintain a safe distance of at least 50m from all the participating vessels at all times.

The Pembroke firing ranges will be inactive during the coastal race on Wednesday, 18th October, 2023, and during the start of the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 21st October, 2023.

Mariners are advised that on Saturday 21st October, 2023, between 9.00 a.m. and 3.00 p.m., or such time as may be communicated on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS, if earlier, the Grand Harbour shall be closed for all traffic not directly related to the race.

During these times all other vessels shall be required to remain within designated areas in the inner harbour up to Ras Ħanżir, in Dockyard Creek, Kalkara Creek and Rinella Bay.

Rinella Bay (iż-żoni huma murija fuq chart 1 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-ebda bastiment mhu se jkun permess mal-moll ta' ħdejn is-suq tal-ħut peress li dan il-moll qed ikun riservat għal bastimenti ta' emerġenza biss.

Il-baħħara huma avżati biex jikkoperaw mal-organizzaturi u mal-uffiċjali tal-infurzar marittimu fiż-żona. Barra minn hekk, għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Il-pożizzjonijiet huma f'WGS 84 Datum

Charts affettwati: BA 177, 194, 2537, 2538

It-13 ta' Ottubru, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 34 tal-2023

Emenda għal Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2023 dwar taħriġ ta' sparar attiv fuq il-Baħar – Gunex 01/2023

B'referenza għal Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li l-mogħdija msemmija fl-Avviż lill-Baħħara ġiet emendata.

Fir-ranges ta' Pembroke LM-D01 (Pembroke High)

Il-mogħdija issa se tkun ta' tliet mili nawtiċi (3NM) bejn il-kosta u l-linja X – Y kif muri fuq chart A fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
X	36° 01'.217	014° 25'.420
Y	35° 58'.610	014° 34'.320

Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2023 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2023 se tibqa' valida.

Charts affettwati: BA 2537, 2538

It-13 ta' Ottubru, 2023

(the areas are shown on the chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

No vessel will be allowed at the quay next to the fish market as this quay is being reserved for emergency vessels only.

Mariners are instructed to cooperate with the organizers and maritime enforcement officers in the area. Moreover, they are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and /or 16 by Valletta VTS.

Positions are in WGS 84 Datum

Charts affected: BA 177, 194, 2537, 2538

13th October, 2023

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 34 of 2023

Amendment to Notice to Mariners No. 33 of 2023 regarding Live firing practice exercise at Sea – Gunex 01/2023

Reference is made to Notice to Mariners No. 33 of 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the corridor mentioned in the Notice to Mariners has been amended.

At Pembroke ranges LM-D01 (Pembroke High)

The corridor will now be of three nautical miles (3NM) between the coast and the line X – Y as shown on the chart A found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
X	36° 01'.217	014° 25'.420
Y	35° 58'.610	014° 34'.320

Notice to Mariners No. 33 of 2023 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Notice to Mariners No. 33 of 2023 will remain valid.

Charts affected: BA 2537, 2538

13th October, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' Junior Staff Grade fuq bażi locum fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Mnagement), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Junior Staff Grade fuq bażi locum fil-Ministeru għas-Saħħa.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' sena (1) bħala Junior Staff Grade fuq bażi locum, fil-Ministeru għas-Saħħa, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Junior Staff Grade fuq bażi locum hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tliet (3) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni time-barred, il-pożizzjoni ta' Junior Staff Grade fuq bażi locum taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni definita tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti għal pożizzjonijiet definita fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Junior Staff Grade fuq bażi Locum huwa ta' Skala ta' Salarju 8 li fis-sena 2023 huwa €26,048.25 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €28,969.23.

Dmirijiet

4.1. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Junior Staff Grade fuq bażi locum jinkludu li:

i. Jipparteċipa fix-xogħol tad-Dipartiment assenjat lilu mit-Tabib Principali tal Gvern (CMO);

MINISTRY FOR HEALTH

Position of Junior Staff Grade on Locum Basis in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management),in the Ministry for Health invites applications for the position of Junior Staff Grade on Locum Basis in the Ministry for Health.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a 1 (one) year assignment as a Junior Staff Grade on Locum Basis in the Ministry for Health, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Junior Staff Grade on Locum Basis is subject to a probationary period of three (3) months.

2.3 Since this is a position time-barred, the position of Junior Staff Grade on Locum Basis constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this definite position signifies that any pending applications for definite positions within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions.

Salary Pegged to the Position

3. The Salary attached to the position of Junior Staff Grade on Locum Basis is Salary Scale 8 which in the year 2023 is equivalent to €26,048.25 per annum rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €28,969.23.

Duties

4.1 The job duties for the position of Junior Staff Grade on Locum Basis include:

i. Participates in the work of the Department to which he/she is assigned by the Chief Medical Officer;

ii. Jassisti fil-kliniċi tal-Outpatients hekk kif applikabbli;

iii. Jikkollabora mill-qrib mal-kollegi tiegħu u jassisti fil-kura klinika kollha fi ħdan id-dipartiment skont l-istandards ta' kwalita tal-professjoni;

iv. Ikun parti mit-tim li jieħu ħsieb il-pazjenti fid-dipartiment rispettiv;

v. Jaqdi dmirijiet hekk kif imqabbad mill-Kap tad-Dipartiment rispettiv;

vi. Jipparteċipa regolarment fi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu;

vii. Jassisti biex jistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex jassigura servizzi ta' kwalità;

viii. Ikun meħtieġ li jaħdem rosters sabiex jiżgura li jingħata servizz 24/7 fis-servizz tas-Saħħa;

ix. Ikun mitlub iwettaq dmirijiet fuq bażi ta' xift inkluż xogħol ta' bil-lejl, kif applikabbli, skont rosters stabbiliti fil-Ministeru għas-Saħħa;

x. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

xi. Iwettaq kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu, kif jista' ikun meħtieġ;

xii. Iwettaq dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe Servizzi għall-Kura tas-Saħħa għall-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

ii. Assists in Outpatients Clinics as applicable;

iii. Liaises closely with the rest of his/her colleagues and assist in all clinical care within the remit of the department in accordance with quality standards of the profession;

iv. Be part of the team looking after patients in the respective department;

v. Carries out duties as directed by the respective Head of Department;

vi. Participates regularly in programmes of continuous professional development;

vii. Assists in establishing appropriate mechanisms to ensure quality of services;

viii. Be required to work rosters to ensure 24/7 coverage within the health service;

ix. Be required to perform duties on a shift basis including night duty, as applicable, according to the established rosters in the Ministry for Health;

x. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

xi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her as may be required;

xii. Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 The appointee may be required to perform duties in any of the Healthcare Services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Applikazzjonijiet jiġu wkoll ikkunsidrati minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafi 5.1 (i) dment li jissodisfaw r-rekwiżiti msemmija f'paragrafi 5.1(ii) sa 5.1(iii). Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn huwa meħtieġ skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlilazzjoni sussidjarja.

Applications will also be considered from candidates who are third country nationals and do not satisfy the criteria set out in paragraph 5.1 (i), provided that they satisfy the requirements stated in paragraphs 5.1(ii) to 5.1 (iii). The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in in the Maltese and English languages;

Jekk ma jkunux kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija, kandidati magħżula għandhom jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija fi żmien sena (1) mill-ingaġġ, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 u Part 2 tal-Università ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l-eżami huwa l-Kors Bażiku fil-Malti Mediku għall-Professionisti tal-Kura tas-Saħħa Parti 1 u Parti 2 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta. Kandidati

If not able to communicate in the Maltese language, selected candidates must provide evidence of basic proficiency in the Maltese language within one (1) year of engagement by being successful in the examination in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part I and Part 2 of the University of Malta. The course officially leading to this examination is the Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 run by the Department of Maltese of the University of Malta.

magħżula li ma jkunux għadhom kisbu dan iċ-ċertifikat fiż-żmien ta' prova jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat. Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jridu jiġu mħallsa mill-kandidati prospettive magħżula. Madankollu, tali spejjeż jistgħu jitħallsu lura permezz tal-Iskema Edukazzjoni Kontinwa Medika (CME).

iii (a) irreġistrati bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta u fil-pussess ta' warrant biex jipprattikaw; u

(b) fil-pussess tal-Foundation Achievement of Competence Document (FACD) maħruġ mill-Malta Foundation School jew kwlifika li hi meqjusa mill-Kunsill Mediku ta' Malta bħala xierqa, rilevanti u kumparabbli.

Uffiċjali pubbliċi li jpplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew fi grad/pożizzjoni aktar baxxa.

Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafi 5.1 (iii) (a) u 5.1 (iii) (b) xorta jiġu kkunsidrati basta jissottomettu evidenza li jikkwalifikaw għal tali ħtiġiet sal-aħħar ta' Diċembru 2023. Jekk magħżula, tali kandidati għandhom jippreżentaw ir-rekwiżiti indikati fil-paragrafi 5.1 (iii) (a) u 5.1 (iii) (b) qabel il-ħatra.

5.2 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.3 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.2 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.4 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ.

Selected candidates who would have not obtained this certification within the probation period will be given a one-time extension to enable them to successfully obtain this certification. Any related course and assessment fees are to be paid by prospective selected candidates. However, such expense may be claimed through the Continuous Medical Education (CME) Scheme.

iii (a) fully registered with the Medical Council of Malta and in possession of a warrant to practice; and

(b) in possession of the Foundation Achievement of Competence Document (FACD) issued by the Malta Foundation School or a qualification which is deemed by the Medical Council of Malta to be appropriate, relevant and comparable.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a lower grade or position.

Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 5.1 (iii) (a) and 5.1 (iii) (b) will still be considered provided that they submit evidence that they would qualify for such requirement by end of December 2023. If selected, such candidates must provide the requisites indicated in paragraphs 5.1 (iii) (a) and 5.1 (iii) (b) before appointment.

5.2 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.3 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.2 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.4 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to

In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-

disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health through the Online Government Recruitment Portal**only** on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Winter Time) of Friday 27th October 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of

notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 2299 2609, u (recruitment.health@gov.mt).

It-13 ta' Ottubru, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Community Liaison Worker fuq bażi full-time jew part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Community Liaison

notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving Division are (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 2299 2604, and (recruitment.health@gov.mt).

13th October, 2023

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of Community Liaison Worker on a full-time or part-time basis in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the position of Community Liaison Worker

Worker fuq bażi full-time jew part-time fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1. Persuna magħżula tkun ingaġġata bħala Community Liaison Worker fuq bażi full-time jew part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dan l-ingaġġ ikun fuq bażi ta' kuntratt definit għal sena (1) waħda jew inqas, li jista' jiġġedded għal perjodi oħra.

2.2. Il-pożizzjoni ta' Community Liaison Worker hija suġġetta għal perjodu ta'prova ta' sitt (6) xhur.

2.3. Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.4. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni definita tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti għal pożizzjonijiet definita fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut għall-pożizzjoni ta' Community Liaison Worker fuq bażi full-time huwa ekwivalenti għal inkriment inqas mill-punt massimu ta' Skala ta' Salarju 13 (li fl-2023 huwa ta' €20,628.40), mal-ħatra, bil-kisba tal-massimu wara l-konferma fil-ħatra. Il-persuna magħżula għall-pożiżizzjoni ta' Community Liaison Worker fuq bażi part-time se titħallas bir-rata ta' €9.92 (gross fl-2023) għal kull siegħa li taħdem.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Community Liaison Worker jinkludu li:

i. Jipprovdi punt ta' referenza u assistenza lill-ġenituri jew adulti responsabbli ta' studenti fl-iskejjel, fiċ-ċentri edukattivi u fil-komunità;

ii. Jittraduċi dokumenti u jinterpreta skont il-bżonn;

iii. Jikkollabora mal-iskejjel billi jħejji laqgħat u attivitajiet sabiex jiġu promossi l-integrazzjoni u l-multikulturaliżmu;

iv. Iħejji laqgħat għall-ġenituri u adulti responsabbli ta' studenti fi skejjel u ċentri edukattivi;

on a full-time or part-time basis within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

Duration of Assignment and Conditions

2.1. A selected candidate will be engaged as a Community Liaison Worker on a full-time or part-time basis in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. The engagement will be on the basis of a definite contract for one (1) year or less, which may be renewed.

2.2. The position of Community Liaison Worker is subject to a probationary period of six (6) months.

2.3. An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.4. Accepting appointment in this definite position signifies that any pending applications for definite positions within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions.

Salary Pegged to the Position

3. The salary attached to the position of Community Liaison Worker on a full-time basis is equivalent to an increment less than the maximum point of Salary Scale 13, (which in the year 2023 is, €20,628.40) on appointment, with attainment of the maximum on confirmation of appointment. The person chosen for the position of Community Liaison Worker on a part-time basis will be paid at the rate of €9.92 (gross in 2023) for every hour worked.

Duties

4. The job duties for the position of Community Liaison Worker include:

i. Provides a point of reference and assistance to parents or significant adults of learners in schools, educational centres and the community;

ii. Translate documents and interpretation as needed;

iii. Liaises with schools in the setting up of meetings and activities to promote integration and multicultural approaches;

iv. Set up of parental meetings for parents and significant adults of learners in schools and educational centres;

v. Jippromovi l-involviment tal-ġenituri fl-iskejjel u fit-tmexxija tagħhom;

vi. Jippromovi l-involviment tal-ġenituri fil-komunità u f'entitajiet oħra;

vii. Jiżviluppa materjal u riżorsi edukattivi u multikulturali, kemm b'mod konvenzjonali kif ukoll online, sabiex jintużaw fl-iskejjel u fiċ-ċentri edukattivi;

viii. Jipparteċipa f'korsijiet għall-iżvilupp professjonali;

ix. Jikkopera ma' min jipprovdi servizzi oħra;

x. Jikkonsulta mal-Kap tal-Migrant Learners' Unit (MLU) dwar dmirijiet;

xi. Jieħu ħsieb u jaġġorna rekords u jikkordina skedi skont kif miftiehem mal-Kap tal-Migrant Learners' Unit (MLU);

xii. Jikkonforma ma' policies relatati mal-protezzjoni tat-tfal, saħħa u sigurtà u l-protezzjoni tad-data;

xiii. Iwettaq dmirijiet oħra skont kif mitlub mill-Kap tal-Migrant Learners' Unit (MLU);

xiv. Iwettaq dmirijiet oħra kif mitlub mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u/jew il-Kap tal-Migrant Learners' Unit (MLU);

xv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti meħtieġ;

xvi. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

v. Promotes parental involvement and leadership in schools;

vi. Promotes parental engagement with the community and other entities;

vii. Develops conventional and/or online educational and multicultural resources and materials to be used in schools and educational centres;

viii. Participates actively in professional development courses;

ix. Cooperates with other service providers;

x. Consult with the Head of Migrant Learners' Unit (MLU) with regards to duties;

xi. Maintains and update of records and coordinating schedules as agreed with Head of Migrant Learners' Unit (MLU);

xii. Be compliant with policies relating to child protection, health and safety and data protection;

xiii. Performs any other duties as directed by the Head of Migrant Learners' Unit (MLU);

xiv. Carry out other duties as may be determined by the Permanent Secretary of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation and/or the Head of the Migrant Learners' Unit;

xv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xvii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew Ingliża; u

ii. able to communicate in the Maltese and/or English languages; and

iii. fil-pussess ta' mill-inqas lingwa oħra fil-Livell 4 tal-MQF (minbarra l-Malti u l-Ingliż) fil-lingwi li ġejjin: Albaniż jew Għarbi jew Armen jew Ċiniż jew Russu jew Serb jew Tork jew Ukren jew Urdu jew Spanjol; u

iii. in possession of at least one other language at MQF Level 4 (other than Maltese and English) in the following languages; Albanian or Arabic or Armenian or Chinese or Russian or Serbian or Turkish or Ukrainian or Urdu or Spanish; and

iv. fil-pussess ta' kwalifika fl-MQF Livell 3 fil-Kompjuter u/jew Ħiliet Diġitali; u

iv. in possession of a qualification at MQF Level 3 in Computer and/or Digital Skills; and

v. jiġu aċċettati wkoll applikazzjonijiet minn applikanti li huma profiċjenti f'mill-inqas lingwa oħra (minbarra l-Malti u l-Ingliż) bħala kelliem nattiv (Livell CEFR: C2) fil-lingwi

v. applications will also be accepted from applicants who are proficient in at least one other language (other than Maltese and English) as a native speaker (CEFR Level: C2) in the following

li ġejjin: Albaniż jew Għarbi jew Armen jew Ċiniż jew Russu jew Serb jew Tork jew Ukren jew Urdu jew Spanjol u li huma profiċjenti fil-Kompjuter/Ħiliet Diġitali.

vi. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas.

5.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 (iii) u (iv) jew kif indikat f'paragrafu 5.2 (i), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 5.1 (iii) u (iv) jew 5.2 (i).

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3. L-applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati wkoll minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li ma jissodisfawx il-kriterji msemmija f'paragrafu 5.1(i), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafi 5.1 (ii) sa 5.2. Il-ħatra ta' dawn il-kandidati teħtieġ permess tax-xogħol mogħti skont ir-Regolamenti tal-Permess Uniku (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 217.17, tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll li tkun tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra kollha ta' dħul fit-

languages: Albanian or Arabic or Armenian or Chinese or Russian or Serbian or Turkish or Ukrainian or Urdu or Spanish and who are proficient in Computer/Digital Skills.

vi. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position.

5.2. (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 5.1 (iii) and (iv) or else as indicated in paragraph 5.2 (i) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 5.1 (iii) and (iv) or 5.2 (i).

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3. Applications will also be considered from candidates who are third country nationals and do not satisfy the criteria set out in paragraph 5.1(i), provided that they satisfy the requirements stated in paragraphs 5.1 (ii) to 5.2. The appointment of such candidates would necessitate a work permit granted in line with the Single Permit Regulations (Subsidiary Legislation 217.17, of the Laws of Malta) as well as being able to fulfil all other conditions of entry

territorju Schengen. Kull proċess isir b'mod indipendenti u suġġett għall-ipproċessar ta' diliġenza dovuta mill-awtoritajiet kompetenti Maltin. L-applikanti li jonqsu milli jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti fi żmien (6) sitt xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjoni jiġu skwalifikati mill-proċess tal-għażla.

5.4. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.6. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.7. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

into the Schengen territory. Each process is carried out independently and subject to due diligence processing by the competent Maltese Authorities. Applicants who fail to satisfy these requirements within (6) six months from the closing date of the call for applications will be disqualified from the selection process.

5.4. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.5. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.6. Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.7. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2. Kandidati li jgħaddu jkunu mniżżla f'listi ta' mertu separati, waħda għal kull lingwa.

7.3. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata. Il-lista tar-riżultati tibqa' valida għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1. L-applikazzjonijiet għal-full time jew part-time, iridu jiġu sottomessi separatament, għal attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;

Selection Procedures

7.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2. Successful applicants will be listed in separate order of merit lists, one for each language.

7.3. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience. The result list will remain valid for two (2) year from date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

Submission of Applications

8.1. Applications for full-time or part-time are to be submitted separately, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, through the Online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 30th October, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Ottubru, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Junior Legal Officer fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Junior Legal Officer fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1. Din il-ħatra hija suggetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2. Is-salarju ta' Junior Legal Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2023 huwa ta' €24,494.79 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €27,178.77.

2.3. Junior Legal Officer jigi promoss għall-grad ta' Legal Officer fi Skala ta' Salarju 8 (€26,048.25 x €486.83

reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

13th October, 2023

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Post of Junior Legal Officer in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the post of Junior Legal Officer within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

Terms and Conditions

2.1. This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2. The salary for the post of Junior Legal Officer is Salary Scale 9, which in the year 2023 is equivalent to, €24,494.79 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €27,178.77.

2.3. A Junior Legal Officer will be promoted to the grade of Legal Officer in Scale 8 (€26,048.25 x €486.83 -

- €28,969.23 fis-sena 2023) wara sentejn (2) snin servizz fil-grad ta' Junior Legal Officer, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfacenti, u sakem ikollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali ppruvata wara li tkun kisbet il-warrant ta' avukat.

2.4. Persuna fil-grad ta' Legal Officer fi Skala 8 titla' fi Skala 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55 fis-sena 2023) wara sitt (6) snin servizz fil-grad ta' Legal Officer, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfacenti.

2.5. Il-persuna nnominata tkun intitolata għall-beneficcji ohra u suġġetta għall-kundizzjonijiet oħra stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern ta' Malta u l-union kompetenti.

2.6. Il-persuna magħżula trid tassigura li din topera fil-qafas tal-Kodiċi ta' Etika u tal-paragrafu 6.2.3 tal-Public Service Management Code u ma tista' tagħmel l-ebda xogħol barra mill-ħin tax-xogħol mal-Gvern li jista' jwassal għal kunflitt ta' interess jew ixekkel l-operat mad-dmirijiet uffiċjali tiegħu/tagħha mal-Gvern. Xogħol privat jista' jsir biss bil-permess tas-Segretarju Permanenti.

2.7. Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubblici mhumiex aċċettabbli.

2.8. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Junior Legal Officer jinkludu li:

i. Jeżerċita l-professjoni tiegħu u jwettaq dmirjiet oħra kompatibbli mal-post, inkluż li jirrappreżenta lill-Ministeru fil-Qorti/Arbitraġġ u li jirrispondi għall-ittri legali;

ii. Jassisti lis-Segretarju Permanenti u/jew ir-rappreżentant/a/i tiegħu fuq affarijiet li jkunu jeħtieġu interpretazzjoni legali;

iii. Jabbozza jew jirrevedi ftehim;

iv. Iħejji abbozzi ta' Liġijiet u Avviżi Legali;

v. Iwettaq xogħol relatat ma' Regolamenti, politika u dokumenti oħra tal-UE;

vi. Jiftaħ u jsegwi każijiet legali sabiex jittermina ftehim u/jew jirkupra l-fondi;

€28,969.23 in 2023) on completion of two (2) years service in the grade of Junior Legal Officer, subject to satisfactory performance, provided that the person has been practising for at least three (3) proven years after obtaining the warrant of lawyer.

2.4. A Legal Officer in Scale 8 will progress to Scale 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55 in 2023) on completion of six (6) years service in the grade of Legal Officer, subject to satisfactory performance.

2.5. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent union.

2.6. The appointee must ensure that s/he operates within the framework of the Code of Ethics and of Section 6.2.3 of the Public Service management Code, and will not carry any form of work outside of Government employment which may lead to a conflict with their official duties with the Government. Private work invariably necessitates the permission of the Permanent Secretary.

2.7. Lateral applications in the same grade from public officers are not allowed.

2.8. Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

Duties

3. The job duties for the post of Junior Legal Officer include:

i. Exercises his/her profession and performs other duties compatible with the post, including representing the Ministry in Court/Arbitration and respond to legal letters;

ii. Assists the Permanent Secretary and/or his representative/s in matters requiring a legal interpretation;

iii. Drafts or revises agreements;

iv. Prepares draft Legislation and Legal Notices;

v. Performs duties relating to EU Regulations, policies and other documents;

vi. Opens and follows legal cases to terminate agreements and/or to recover funds;

vii. Jikkollabora mal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat fuq każijiet li jkunu qed jiġu segwiti mill-uffiċċju tiegħu;

viii. Jagħmel xogħol ta' riċerka legali f'oqsma li jaqgħu taħt il-portafoll tal-Ministeru;

ix. Jattendi għal-laqgħat/konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

x. Jirrappreżenta lill-Ministeru fejn u kif meħtieġ;

xi. Jikkordina xogħol legali bejn id-dipartimenti u l-entitajiet tal-Ministeru;

xii. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xiii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti gandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Zmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-

vii. Liaises with the Office of the State Advocate on cases that may be handled by that office;

viii. Performs legal research work on fields which fall under the Ministry's portfolio;

ix. Attends meetings/conferences in Malta and abroad;

x. Represents the Ministry where and as necessary;

xi. Coordinates legal work among the departments and entities of the Ministry;

xii. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been

membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja taghhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Energija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq tehtieg il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaci jikkomunikaw bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż;

iii. fil-pussess tal-warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' avukat f'Malta.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2. Uffiċjali pubblici li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali pubblici li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu mehtieg minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. in possession of the warrant to practise the profession of advocate in Malta.

iv. Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2. Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.3. Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjali fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwizit ieħor ta' eligibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li digà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipprodużu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eligibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun gie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra taghhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt).

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview,

għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 27th October, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

It-13 ta' Ottubru, 2023

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Kariga ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-kariga ta' Mħallef ta' Malta fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu se ssir vakanti fis-6 ta' Ottubru, 2024. Il-Gvern għalhekk qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand kandidati li għandhom il-kwalifiki u l-kompetenza meħtieġa għal din il-ħatra ġudizzjarja.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

13th October, 2023

MINISTRY FOR JUSTICE

Post of Judge to the Court of Justice of the European Union

The post of Malta's Judge to the Court of Justice of the European Union in Luxembourg will become vacant on 6th October, 2024. The Government therefore invites applications from candidates possessing the necessary qualifications and expertise for this judicial appointment.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), peress li hija l-awtorità ġudizzjarja tal-Unjoni, flimkien mal-Qrati u t-tribunali nazzjonali, tiggarantixxi interpretazzjoni uniformi tal-liġi tal-UE għall-applikazzjoni uniformi tagħha fl-Istati Membri kollha tal-UE. Dan isir permezz ta' għadd ta' proċedimenti, jiġifieri permezz ta': deċiżjonijiet preliminari; azzjonijiet li jivvalutaw jekk l-Istati Membri ssodisfawx l-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni; rikorsi għal annullament; kif ukoll permezz ta' rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni. Il-QĠUE għalhekk issolvi tilwim legali bejn il-gvernijiet tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE. Individwi, kumpaniji jew organizzazzjonijiet jistgħu wkoll iressqu kawżi quddiem il-Qorti jekk iħossu li d-drittijiet tagħhom ġew miksura minn istituzzjoni tal-UE.

Bis-sede tagħha fil-Lussemburgu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn żewġ qrati: il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali. Skont l-Artikolu 14 tal-Protokoll numru 3 Anness mat-Trattati *Dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*, l-Imħallfin għandhom jirrisjedu fil-post fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għandha s-sede tagħha.

Skont il-prinċipju tal-'lingwa tal-każ' u l-ispirtu sottostanti tal-multilingwiżmu mibni fit-Trattati, kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tista' tkun il-lingwa ta' kawża quddiem il-QĠUE. Minkejja dan, il-lingwa ta' ħidma interna tal-QĠUE hija esklussivament il-Franċiż.

Kwalifiki meħtieġa għall-kariga ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-proċess nazzjonali tal-għażla

Skont l-Artikolu 253 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja "*jiġu magħżula minn fost persuni li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom u li għandhom il-kwalifiki kollha meħtieġa sabiex fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jeżerċitaw l-ogħla funzjonijiet ġudizzjarji, jew li huma ġurikonsulti ta' kompetenza magħrufa, jiġu maħturin bi qbil komuni għal sitt snin mill-gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni mal-Kumitat previst bl-Artikolu 255.*"

Sabiex jikkwalifikaw għall-ħatra fl-ogħla karigi ġudizzjarji, il-kandidati għandhom għalhekk ikunu kwalifikati biex jinħatru bħala mħallfin tal-Qrati Superjuri skont l-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fi kliem ieħor, ħadd ma jkun kwalifikat biex ikun maħtur imħallef tal-Qrati Superjuri *"kemm-il darba għal perijodu ta', jew perijodi li jammontaw b'kollox għal, mhux anqas minn tnax-*

The Court of Justice of the European Union

The Court of Justice of the European Union (CJEU), being the judicial authority of the Union, alongside national Courts and tribunals, guarantees uniform interpretation of EU law for its uniform application across all EU Member States. This is done through a number of proceedings, namely through: preliminary rulings; actions assessing whether Member States have fulfilled their obligations under Union law; actions for annulment; as well as through actions for failure to act. The CJEU therefore settles legal disputes between EU governments and EU institutions. Individuals, companies or organisations can also bring cases before the Court if they feel that their rights have been infringed by an EU institution.

With its seat in Luxembourg, the Court of Justice of the European Union consists of two Courts: the Court of Justice and the General Court. According to Article 14 of Protocol number 3 annexed to the Treaties *On The Statute of the Court of Justice of the European Union*, Judges, shall be required to reside at the place where the Court of Justice has its seat.

In line with the 'language of the case' principle and the underlying spirit of multilingualism built into the Treaties, any of the 24 official languages may be the language of a case before the CJEU. Having said that, the internal working language of the CJEU is exclusively French.

Required qualifications for the post of Judge to the Court of Justice of the European Union and the national selection process

In accordance with Article 253 of the Treaty on the Functioning of the European Union, Judges of the Court of Justice "*shall be chosen from persons whose independence is beyond doubt and who possess the qualifications required for appointment to the highest judicial offices in their respective countries or who are jurisconsults of recognised competence; they shall be appointed by common accord of the governments of the Member States for a term of six years, after consultation of the panel provided for in Article 255.*"

In order to qualify for appointment to the highest judicial offices, candidates are therefore to be qualified to be appointed as judges of the Superior Courts in line with article 96 of the Constitution of Malta. In other words, a person shall not be qualified *"unless for a period of, or periods amounting in the aggregate to, not less than twelve years he has either practised as an advocate in Malta or*

il sena ma jkunx jew eżerċita bħala avukat f'Malta jew serva bħala maġistrat f'Malta, jew f'parti hekk eżerċita u f'parti hekk serva."

Il-ġurikonsulti ta' kompetenza rikonoxxuta jkollhom ukoll ikunu pprattikaw fil-qasam/oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom għal mhux inqas minn tnax-il sena.

Il-Gvern se jagħżel il-kandidat l-aktar xieraq abbażi tal-mertu, wara intervista minn Kumitat tal-Għażla. Waqt l-intervista, il-Kumitat tal-Għażla jista' jitlob lill-kandidat biex jagħmel traduzzjoni qasira minn u/jew għall-Malti, l-Ingliż u/jew il-Franċiż. L-applikanti li jissodisfaw il-kwalifiki meħtieġa stabbiliti mit-Trattat biss se jiġu intervistati u l-kandidati jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet essenzjali li ġejjin:

Il-kandidati għandhom ikunu ta' karattru morali għoli u ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom skont l-Artikolu 253 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u l-Artikoli 19 (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Il-kandidati għandhom livell operattiv tajjeb ta' Franċiż, Malti u Ingliż;

Il-kandidati jrid ikollhom għarfien eċċellenti u esperjenza fil-Liġi tal-Unjoni Ewropea (inkluż l-impatt usa' tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq l-Istati Membri), fil-Liġi Internazzjonali Pubblika u fis-sistema legali Maltija;

Il-kandidati jrid ikollhom ħiliet intellettwali u ta' abbozzar eċċellenti;

Il-kandidati jrid ikollhom ħiliet organizzattivi, ta' ġestjoni tal-każijiet u interpersonali eċċellenti biex jipprovdu l-livell meħtieġ ta' appoġġ lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Jekk jintgħażlu, il-kandidati għandhom jintrabtu li ma jimpenjaw ruħhom f'ebda ħidma li tkun inkompatibbli mal-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom jew mat-talbiet ta' kariga full-time, għat-tul tal-mandat tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 3 Anness mat-Trattati dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jipprevedi wkoll li l-imħallfin ma jista' jkollhom ebda kariga politika jew amministrattiva u ma jistgħux jeżerċitaw l-ebda professjoni, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le.

Ħatra fil-kariga ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Skont l-Artikolu 253 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-

served as a magistrate in Malta or has partly so practised and partly so served."

Jurisconsults of recognised competence will also have to have practiced in their respective area(s) of expertise for a not less than twelve years.

The Government will select the most appropriate candidate on the basis of merit, following an interview by a Selection Committee. During the interview, the Selection Committee may require the candidate to undertake a brief translation from and/or into Maltese, English and/or French. Only applicants fulfilling the required qualifications set by the Treaty will be interviewed and candidates must satisfy the following essential conditions:

Candidates must be of high moral character and enjoy independence beyond doubt in line with Article 253 of the Treaty on the Functioning of the EU and Articles 19(2) of the Treaty on the European Union;

Candidates have a good operational level of French, Maltese and English;

Candidates must have an excellent understanding of and experience in European Union Law (including the wider impact of the judgements of the Court of Justice of the European Union on Member States), Public International Law and of the Maltese legal system;

Candidates must have excellent intellectual and drafting skills;

Candidates must have excellent organizational, case management and interpersonal skills to provide the required level of support to the Court of Justice of the European Union.

If chosen, candidates must undertake not to engage in any activity that is incompatible with their independence or impartiality or with the demands of a full-time office, for the duration of their term of Office. Moreover Article 4 of Protocol number 3 annexed to the Treaties on the Statute of the Court of Justice of the European Union, further provides that the judges may not hold any political or administrative office and may not engage in any occupation, whether gainful or not.

Appointment to the post of Judge of the Court of Justice of the European Union

According to Article 253 of the Treaty on the Functioning of the European Union, members of the Court of Justice of

Unjoni Ewropea għandhom jinħatru għal perijodu ta' sitt snin.

Din il-ħatra ssir bi qbil komuni bejn il-Gvernijiet tal-Istati Membri. L-Imħallfin li jirtiraw jistgħu jinħatru mill-ġdid. Il-qbil komuni jista' jintlaħaq biss wara li l-Istati Membri jkunu ħadu konjizzjoni ta' Opinjoni kunfidenzjali mogħtija mill-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, il-persuna nominata mill-Gvern tkun meħtieġa tattendi smigħ minn dan il-kumitat li "*jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja*".

Qabel ma jibda jaqdi dmirijietu, kull Imħallef għandu, f'seduta pubblika, jieħu l-ġurament li jwettaq dmirijietu b'mod imparzjali u kuxjenzjuż u li jippreserva s-segretezza tad-deliberazzjonijiet tal-Qorti. Meta jassumi l-kariga tiegħu, l-Imħallef għandu jintrabat solennement li, kemm matul kif ukoll wara l-mandat tiegħu, huwa jirrispetta l-obbligi li jirriżultaw minnu, b'mod partikolari d-dmir li jġib ruħu b'integrità u diskrezzjoni fir-rigward tal-aċċettazzjoni, wara li jkun temm il-kariga tiegħu, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji.

Salarji u Allowances

Id-dettalji dwar is-salarji bażiċi u l-allowances applikabbli għal din il-kariga jinsabu fir-Regolament Numru 422/67/ KEE, Numru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju, 1967, *li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku Ewropew*, kif ukoll fir-Regolament 2016/300/EU tad-29 ta' Frar 2016 *li jiddetermina l-emolumenti ta' detenturi ta' karigi ta' livell għoli tal-UE*.

Applikazzjonijiet u Nominazzjonijiet

Il-Kumitat tal-Għażla se jikkunsidra applikazzjonijiet għal din il-kariga li jaslu sa nofsinhar tat-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2023, kif indirizzat għall-attenzjoni tas- 'Segretarju tal-Bord tal-Għażla – Kariga ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Ministeru għall-Ġustizzja', fuq l-indirizz elettroniku (eujusticecalls@gov.mt). L-applikazzjonijiet kollha jiġu pprovduti b'rikonoxximent u l-applikazzjonijiet għandhom jinkludu ittra ta' motivazzjoni, Curriculum Vitae li tinkludi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha ta' sostenn, rekord tal-kondotta kriminali ta' persuna, kif ukoll lista ta' kitbiet rilevanti ppubblikati, jekk ikun hemm. Id-dokumenti kollha li jaslu se jiġu ttrattati b'kunfidenza stretta.

It-13 ta'Ottubru, 2023

the European Union shall be appointed for a term of six years.

This appointment is made by common accord of the Governments of the Member States. Retiring Judges may be reappointed. The common accord can only be reached after the Member States have taken cognisance of a confidential Opinion delivered by the Panel set up under Article 255 of the Treaty on the Functioning of the European Union. To this end, the Government nominee will be required to attend a hearing by this Panel which will "*give an opinion on the candidates' suitability to perform the duties of Judge of the Court of Justice*".

Before taking up his duties each Judge shall, in open court, take an oath to perform his duties impartially and conscientiously and to preserve the secrecy of the deliberations of the Court. When taking up his duties, the Judge shall give a solemn undertaking that, both during and after his term of office, he will respect the obligations arising therefrom, in particular the duty to behave with integrity and discretion as regards the acceptance, after he has ceased to hold office, of certain appointments or benefits.

Salaries and Allowances

Details on the basic salaries and allowances applicable to this post can be found in Regulation Number 422/67/EEC, Number 5/67/Euratom of the Council of 25 July, 1967, *determining the emoluments of the President and Members of the Commission, of the President, Judges, Advocates-General and Registrar of the Court of Justice, of the President, Members and Registrar of the Court of First Instance and of the President, Members and Registrar of the European Civil Service Tribunal*, as well as in Regulation 2016/300/EU of 29 February 2016 *determining the emoluments of EU high-level office holders*.

Applications and Nominations

The Selection Committee will consider applications for this post received by noon of Monday, 30th October, 2023, as addressed to the attention of the 'Secretary of the Selection Board – Post of Judge to the Court of Justice of the European Union, Ministry for Justice', on the following email address (eujusticecalls@gov.mt). All applications will be provided with an acknowledgement and applications must include a motivation letter, a Curriculum Vitae including all relevant supporting documentation, a record of one's criminal conduct, as well as a list of relevant published writings, if any. All documents received will be treated in strict confidence.

13th October, 2023

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Kostituzzjoni ta' Malta
(Artikolu 96B(1) u Artikolu 100)

Ħatra ta' Maġistrati

Il-Ministru għall-Ġustizzja jistieden applikazzjonijiet għall-kariga ta' ħames (5) Maġistrati.

L-applikanti għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-Artikoli 96B(2) u 100 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ħadd ma jkun kwalifikat biex ikun maħtur Maġistrat kemm-il darba ma jkunx eżerċita bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw b'kollox għal mhux anqas minn seba' snin.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura stabbilit permezz tal-Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni.

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha mitluba fuq is-sit (https://judiciary.mt/en/judicial-appointments-committee/) u għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2023, sas-1.00 p.m., fl-indirizz:

Segretarju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura
Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati
Binja San Tumas Moore
Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta

It-13 ta'Ottubru, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' interess għal
Uffiċjali ta' Sapport Amministrattiv
fil-Kulleġġi tal-Istat

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jixtiequ li jipprovdu s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għas-Servizz' bħala Uffiċjali ta' Sapport Amministrattiv fil-Kulleġġi tal-Istat.

L-applikanti jkunu meħtieġa jipprovdu sa ħmistax-il siegħa (15) ta' servizz fil-ġimgħa. Rimunerazzjoni tkun sa €12.00 (mingħajr VAT) fis-siegħa skont il-kwalifikazzjonijiet u l-esperjenza.

Kunsiderazzjoni dovuta se tingħata lill-applikanti li jagħtu prova ta' esperjenza ta' xogħol fl-ammistrazzjoni tal-iskejjel.

MINISTRY FOR JUSTICE

Constitution of Malta
(Article 96B(1) and Article 100)

Appointment of Magistrates

The Minister for Justice is inviting applications for the Office of five (5) Magistrates.

Applicants must fulfil the conditions set out in Articles 96B(2) and 100 of the Constitution of Malta. Nobody shall be qualified to be appointed Magistrate unless s/he has practised as an advocate in Malta for a period of, or periods amounting in the aggregate to, not less than seven years.

Applications will be vetted by the Judicial Appointments Committee established by virtue of Article 96A of the Constitution.

Letters of application including all the documents requested in the website (https://judiciary.mt/en/judicial-appointments-committee/) should be submitted by not later than Monday, 30th October, 2023, at 1.00 p.m., addressed to:

The Secretary, Judicial Appointments Committee
Courts Services Agency
St Thomas Moore Building
Triq id-Dejqa
Valletta

13th October, 2023

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of interest for an
Administrative Support Officers in
State Colleges

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Administrative Support Officers within State Colleges.

Applicants will be required to provide up to fifteen (15) hours of service per week. Remuneration will be up to €12.00 (excluding VAT) per hour according to qualifications and experience.

Due consideration will be given to applicants who have proven work experience in school administration.

Applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista u għandhom iġibu magħhom iċ-ċertifikati oriġinali, kif ukoll ċertifikat validu tal-kondotta tal-pulizija.

Mistoqsijiet dwar servizzi speċifiċi meħtieġa u kundizzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta' ittra elettronika lil (dg.des.educ@gov.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 2502.

Espressjonijiet ta' interess għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (https://edurecruitment.gov.mt) sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2023.

It-13 ta' Ottubru, 2023

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Soċjetà

Ordni Nru. 12

Billi 'Koperattiva Kulturali Universitarja Soċjetà Limitata' li ġiet reġistrata fit-3 ta' Lulju, 1996, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skont u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 100 (2) tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi Numru XXX tal-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u appunta lis-Sur David Sammut ta' Centris Business Gateway II, Level 3, Suite C, Triq is-Salib tal-Imrieħel, Central Business District CBD 3020, Malta, bħala likwidatur.

Is-Sur Joseph Abela
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

Id-19 ta' Settembru, 2023
(CB 8/23)

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to bring their original certificates with them, as well as a valid police conduct certificate.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (dg.des.educ@gov.mt) or by telephone number 2598 2502.

Expressions of Interest will be received on (https://edurecruitment.gov.mt) until noon on Friday, 20th October, 2023.

13th October, 2023

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order of a Society

Order No. 12

Whereas 'Koperattiva Kulturali Universitarja Soċjetà Limitata' which was registered on the 3rd July, 1996, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr David Sammut of Centris Business Gateway II, Level 3, Suite C, Triq is-Salib tal-Imrieħel, Central Business District CBD 3020, Malta, to be liquidator.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

19th September, 2023

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Soċjetà

Ordni Nru. 11

Billi 'Farm Advisory Services Co-op Limited' li ġiet reġistrata fil-11 ta' Jannar, 2008, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order of a Society

Order No. 11

Whereas 'Farm Advisory Services Co-op Limited' which was registered on the 11th January, 2008, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society

msemmija għandha tiġi maħlula skont u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 100 (2) tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi Numru XXX tal-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u appunta lis-Sa Kylie Galea ta' 26A, Triq San George, Santa Venera SVR 1106, bħala likwidatur.

Is-Sur Joseph Abela
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

L-4 ta' Settembru, 2023
(CB 7/23)

should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Ms Kylie Galea of 26A, Triq San George, Santa Venera SVR 1106, to be liquidator.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

4th September, 2023

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami meħtieġ għall-applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal persuni li jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku Awtorizzazzjoni A u B – Lulju 2023

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie pubblikat u wieħed jista' jmur jarah il-Customer Care, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

It-13 ta' Ottubru, 2023

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation examination required for the application of Authorisation of a service provider for Electrical Installations Authorisation A and B – July 2023

The Department of Examinations notifies that the final result of the abovementioned examination has been published and may be seen at the Customer Care, Ministry for Education, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

13th October, 2023

ENGINEERING RESOURCES LIMITED

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi L.N. 352 tal-2016, il-kwotazzjoni li ġejja ġiet mogħtija minn Engineering Resources Limited fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża għal kuntratt ta' servizz ma':

Sunland Printers Ltd sabiex jipprovdu envelops bojod stampati bit-timbru tal-kumpanija, għall-prezz ta' €300 VAT eskluża.

It-13 ta' Ottubru, 2023

ENGINEERING RESOURCES LIMITED

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016, the following quotation was awarded by Engineering Resources Limited within the Ministry for the Environment, Energy and Enterprise for a contract of service with:

Sunland Printers Ltd to provide white printed envelopes for the cost of €300 VAT excluded.

13th October, 2023

ENGINEERING RESOURCES LIMITED

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi L.N. 352 tal-2016, id-direct order li ġejja ġiet mogħtija minn Engineering Resources Limited fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża għal kuntratt ta' servizz ma':

Dakar Systems Ltd sabiex jipprovdu 'additional capacity' fis-sistema tal-HR u Payroll, għal ħames snin, mit-2.5.2023 għall-prezz ta' €36,100 VAT eskluża.

It-13 ta' Ottubru, 2023

ENGINEERING RESOURCES LIMITED

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016, the following direct order was awarded by Engineering Resources Limited within the Ministry for the Environment, Energy and Enterprise for a contract of service with:

Dakar Systems Ltd to provide the additional capacity of Dakar HR and Payroll System with a five-year maintenance and support agreement from 2.5.2023 for the cost of €36,100 VAT excluded.

13th October, 2023

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, Dipartiment tal-Ġustizzja u Direttorat tal-Protezzjoni tad-Data u Kordinazzjoni tal-Informazzjoni

Lista ta' direct contracts mogħtija matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u t-30 ta' Ġunju, 2023, ippubblikati skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku L.S. 601.03

It-13 ta' Ottubru, 2023

Dipartiment tal-Ġustizzja/*Justice Department*

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/ Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża *Contract Value Excl. VAT*
27	MFJ/DCS/58/2023	Proposal for the drafting of the national reference book for cross border cooperation and coordination for the Department of Justice	19th May 2023	T.Info Limited	€9,950.00

MINISTRY FOR JUSTICE

Corporate Services Directorate, Office of Notary to Government, Justice Department and Data Protection and Information Coordination Directorate

List of direct contracts awarded during the period between 1st January, 2023 and 30th June, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

13th October, 2023

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Entitajiet taħt il-Ministeru għall-Ġustizzja kif indikat hawn taħt

Lista ta' kwotazzjonijiet u direct contracts mogħtija matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u t-30 ta' Ġunju, 2023, ippubblikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku L.S. 601.03.

It-13 ta' Ottubru, 2023

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Name/Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	N/A	Translation Services	19th June 2023	Transcripta Translation Services Limited	€6,959.25
2	CSA/CFQ/2/2022	Call for Quotations for the Supply, delivery and installation of 8MM Laminate Parquet Flooring	4/1/2023	F.X. Borg Furniture Limited	€5,384.70

MINISTRY FOR JUSTICE

Entities under the Ministry for Justice as indicated below

List of quotations and direct contracts awarded during the period between 1st January, 2023 and 30th June, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

13th October, 2023

Direct Contracts

Nru.	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract	Isem tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża
No.	*Direct Contract Reference Number*	*Direct Contract Title/ Subject of Direct Contract*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
Aġenzija Servizzi tal-Qorti/*Court Services Agency*					
21	Court Services Agency	Provision of leased multifunction Printers with reduced Environment Impact including full service and maintenance agreement	10/4/2023	Strand Electronics Ltd	€9,000.00
22	Court Services Agency	Provision of Lights for the Court Services Agency Conference Room	8/2/2023	Camilleri Paris Mode Ltd	€6,036.45
23	Court Services Agency	Provision of Curtains and Blinds for the Court Services Agency Conference Room	8/2/2023	Camilleri Paris Mode Ltd	€6,466.53
23	Court Services Agency	Provision of Wall Cladding for the Court Services Agency Conference Room	8/2/2023	Abela Woodworks	€9,050.00
24	Court Services Agency	Provision of Waste Collection	27/3/2023	WM Environmental Ltd	€6,960.00
25	Court Services Agency	Provision of Services for Assistance with Setting Up a Help Desk	28/6/2023	EMCS Advisory Ltd	€9,600.00
26	Court Services Agency	Provision of Services in Connection with the Update of Business Plan	15/6/2023	Grant Thornton	€10,000.00

DIPARTIMENT TAT-TEŻOR

NGĦARRFU li Agius and Associates, rappreżentati minn Daniel Agius, ingħatat direct order ta' provvista ta' żewġ (2) officers fuq erbgħin (40) siegħa xogħol fil-ġimgħa għat-Treasury CFMS Help Desk. Dan il-kuntratt huwa għal perjodut ta' sitt (6) xhur mill-1 ta' Settembru, 2023 sad-29 ta' Frar, 2024, Ir-remunerazzjoni total kif mniżżel fil-kuntratt mhux se jaqbeż tletin elf, ħames mija, tmintax-il ewro u tmenin ċenteżmu (€30,518.80) eskluża l-VAT.

Dan l-avviż huwa ppubblikat skont ir-Reg. 111 (2) tar-Regolament tal-Akkwist Pubbliku A.L. 352 tal-2016 kif emendat minn A.L. 155 tal-2017 u 233 tal-2017.

It-13 ta' Ottubru, 2023

TREASURY DEPARTMENT

It is hereby notified that Agius and Associates, represented by Daniel Agius, has been awarded a direct order for the provision of two (2) Officers on a forty(40) hour week each to the Treasury CFMS Help Desk. This contract is for a period of six (6) months as from 1st September, 2023 to 29th February, 2024. The total remuneration as outlined in the contract shall not exceed thirty thousand, five hundred, eighteen euro and eighty euro cents (€30,518.80) excluding VAT.

This notice is published in terms of Reg. 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016 as amended by L.N. 155 of 2017 and 233 of 2017.

13th October, 2023

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA

Ambjent Malta

Lista ta' direct contracts mogħtija minn Ambjent Malta matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, ippubblikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, L.S. 601.03.

It-13 ta' Ottubru, 2023

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isemt tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	Ref:0906/2022	Request for Quotation for Photography Services	11.10.2022	Darren Agius	€5,000.0
2	Ref: 0755/2022	Request for Quotationt for Plants (Hunter Dissemination)	03.10.2022	Xerri`s Garden Centre	€7,248.5
3	Ref: 0954/2022	Request for Quotation for Signs	02.12.2022	Koptasin	€7,369.0
4	AMBMT 132/2022	Services of a PR and Marketing Consultance	17.10.2022	Studio White	€9,800.0

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY AND ENTERPRISE

Ambjent Malta

List of direct contracts awarded by Ambjent Malta during the period between 1st July, 2022 and 31st December, 2022, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

13th October, 2023

UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI

Lista ta' direct contracts mogħtija matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u t-30 ta' Ġunju, 2023, ippubblikati skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti L.S. 601.03 tal-Akkwist Pubbliku.

It-13 ta' Ottubru, 2023

Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali/*Office of the Attorney General*

Nru. *No.*	Numru ta' referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	0.043	Courier Services	1/1/2023	Air Swift Couriers	€10,000.00
2	0.087	Procurement of Books for Library	21/2/2023	Miller Distributors	€5,230.52
3	0.130	Online academic core collection (Apr 23-Mar 24)	13/3/2023	William S.Hein & Co.	€6,262.35
4	0.174	Projections for Nadal Conference	20/3/2023	Studio 7	€6,538.00
5	0.261	Dinner for delegates of Nadal Conference	15/3/2023	Bacchus	€5,339.00

OFFICE OF THE ATTORNEY GENERAL

List of direct contracts awarded during the period between 1st January, 2023 and 30th June, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

13th October, 2023

Nru.	Numru ta' referenza tad-Direct Order	Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Direct Order Reference Number*	*Direct Order Name/Subject of Direct Order*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
6	100/08/20	Financial analysis and assistance to Prosecutors	27/4/2023	PWC	€30,000.00
7	0.304	Regitration, Dinner and accomodation for the 40th Cambridge International Symposium on Economic crime 5th-7th September, 2023	10/5/2023	Jesus College Symposium	€5,048.28

KUNSILL LOKALI L-MARSA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf lill-pubbliku li nhar il-Ħadd, 15 ta' Ottubru, 2023, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., Triq Balbi minn Triq Simpson 'l isfel se tkun magħluqa. It-traffiku jkun jista' jgħaddi minn Triq Simpson 'il fuq.

It-13 ta' Ottubru, 2023

MARSA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Marsa Local Council notifies the general public that on Sunday, 15th October, from 8.00 a.m. till 1.00 p.m., Triq Balbi from Triq Simpson downwards will be closed. Traffic will be diverted through Triq Simpson upwards.

13th October, 2023

KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Ħamrun jgħarraf li nhar is-Sibt, 21 ta' Ottubru, 2023, mis-6.00 a.m., sal-Ħadd, 22 ta' Ottubru, 2023, fis-6.00 a.m., parti minn Triq il-Kbira San Ġużepp u l-madwar se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Vetturi pparkjati f'dawn it-toroq se jiġu rmunkati:

Triq Dun Nerik Cordina Perez;
Triq il-Ferrovija;
Triq il-Kbira San Ġużepp – minn Trejqet San Pietru sa Triq Santa Marija, fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

It-13 ta' Ottubru, 2023

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħamrun Local Council notifies that on Saturday, 21st October, 2023, at 6.00 a.m., till Sunday, 22nd October, 2023, at 6.00 a.m., part of Triq il-Kbira San Ġużepp and other secondary roads will be closed.

Vehicles parked in the mentioned streets will be towed:

Triq Dun Nerik Cordina Perez;
Triq il-Ferrovija;
Triq il-Kbira San Ġużepp – from Trejqet San Pietru to Triq Santa Marija, on both sides of the road.

13th October, 2023

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 26 ta' Ottubru, 2023, għal:

Avviż Nru. 48. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fi Triq X. Farrugia, l-Imqabba, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2011_483_1. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 26th October, 2023, for:

Advt No. 48. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale at Triq X. Farrugia, Mqabba, as shown edged in red on the plan P.D. 2011_483_1. The winning

sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15)sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €23,787 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u disa' mija u disgħa u għoxrin ewro (€7,929) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 49. Kiri, għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax-il (15)sena, ta' fond tale quale f'Nru. 19, Triq San Publiju, il-Furjana, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2017_0508. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €13,530 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u ħames mija u għaxar ewro (€4,510) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 50. Bejgħ tale quale fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija tal-Fond f'Nru. 97, It-Telgħa tar-Raħal Ġdid, Paola, kif muri fuq il-pjanta P.D.235_2001. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,200 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u għaxart elef ewro (€110,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 51. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fit-2 ta' Marzu, 2036, tal-Ħanut vojt tale quale f'Nru. 3, Misraħ Ninu Cremona, l-Iklin, kif muri bl-aħmar u mmarkat Shop No. 3 fuq il-pjanta P.D.190_82_5_3. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €21,520 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u mija u tlieta u sebgħin ewro (€7,173) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 52. Kiri, għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena, ta' fond tale quale u fl-istat li jinsab fih inkluż/i xi difetti li jista' jkun hemm moħbija f'Nru. 53 (qabel Nru. 47), Triq is-Sirena, l-Isla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2023_0133. Dan il-fond ma jistax jintuża għal skopijiet residenzjali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €9,000

bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €23,787 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand and nine hundred and twenty-nine euro (€7,929) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 49. Lease, for commercial purposes for a period of fifteen (15) years, of the premises tale quale at No. 19, Triq San Publiju, Floriana, as shown edged in red on plan P.D.2017_0508. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €13,530 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and five hundred and ten euro (€4,510) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 50. Sale tale quale in its present state including any latent defects of the Premises at No. 97, It-Telgħa tar-Rahal Gdid, Paola, as shown on the plan P.D.235_2001. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €10,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and ten thousand euro (€110,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

